MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2006

Numru 1057/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Marisa Camilleri**

**v**

**PAUL VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL VELLA** ta' tlieta w hamsin sena bin Joseph u Pawla nee Azzopardi, imwieled Mosta nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 1953 u residenti 117, Marpaul, Triq t-Trincetta, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 430453M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. fis-sebgha ta' Ottubru 2006, bejn s-sebgha w nofs ta' filghaxija w d-disgha ta' bil-lejl, gewwa s-Siggiewi, ghamel offizi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Doctor M. Gingell Littlejohn tad-dipartiment tal-emergenza tal-isptar San Luqa fuq il-persuni tal-membri tal-Korp tal-Pulizija li hjuma PC 1138 Andrei Spiteri u PC 545 Gabriel

Micallef, liema persuni huma nkarigati skondl-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan s-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak s-servizz;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubbliku kontra l-istess persuni membri tal-Korp tal-Pulizija indikati aktar 'l fuq waqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi minn awtorita kompetenti;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin imma teccedi l-ghaxar liri maltin liema hsara saret fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCA 817 ghad-dannu ta' Alex Vella;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded bi kliem li martu MaryAnne Vella u lil ibnu Alex Vella;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem oxen u dagha fil-pubbliku uli kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, jekk jidhrilha xieraa u biex tipprovdi ghas-sigurta tal-membri tal-Korp tal-Pulizija aktar 'l fuq imsemmija u tal-membri tal-familja Vella, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena, torbot lil imputat Paul Vella b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus u dan skond kif hemm provdut fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni u jew ordni ta' trattament fil-konfront ta' Paul Vella u dank kif hemm mahsub fl-artikolu 412(c)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-tmienja ta' Ottubru 2006 meta sar l-ezami li sar nhar l-

erbgha ta' Dicembru 2001 [fol 14] ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Semghet lil Alex Vella jiddijkara li kien qed jahfer lil missieru l-imputat tal-akkadut u lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul dawn il-proceduri.

Illi konsegwentement il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront ta' din r-raba akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat stante rinunzja da parti ta' Alex Vella.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar l-piena fis-seduta tat-tmienja ta' Ottubru 2006.

**Illi ghalhekk l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 95, 96, 325( c), 339(1)(e), 338(dd) u 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputat PAUL VELLA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess salv u b'eccezzjoni tar-raba akkuza mill-liema akkuza il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni, u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett [3] mitt lira maltin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin. Fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc ghandu jigi mhallas kollu f'daqqa fi zmien erbgha w ghoxrin**

**siegha, u jekk dan ma jsirx, jigi awtomatikament konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Inoltre ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta’ Malta, qed torbot lil imputat taht penali ta’ mitt lira fin-nuqqas, li ma jimmolestax, ma jingurjax, ma jhedditx u ma jintimidax lil martu MaryAnne Vella.**

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------